



C/2024/3631

5.6.2024

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Każ M.11524 — I SQUARED CAPITAL / RUBIS TERMINAL)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(C/2024/3631)**

1. Fid-29 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- I Squared Capital Advisors (US) LLC (“I Squared”, l-Istati Uniti), ikkontrollata minn ISQ Holding LLC (il-Gżejjer Cayman),
- Rubis Terminal Infra SAS (“Rubis Terminal”, Franza), attwalment ikkontrollata b'mod konġunt minn I Squared u Rubis SCA (Franza).

I Squared se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Rubis Terminal kollha kemm hi. L-akkwiżizzjoni maħsuba tikkostitwixxi fużjoni permezz ta' tranżizzjoni minn kontroll konġunt għal kontroll esklużiv, kif definit skont l-Artikoli 3(1)(b) u (2)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- I Squared hija kumpanija globali ta' investimenti infrastrutturali li tiffoka fuq setturi bħall-enerġija, l-utilitajiet, il-kiri ta' trejlers, it-telekomunikazzjoni, il-kura tas-saħħa, u t-trasport fil-livell globali,
- Rubis Terminal topera terminals tal-ħżin tal-likwid bl-ingrossa li jinsabu fil-Belġju, fi Franza, fin-Netherlands, u fi Spanja, u tispejalizza fil-ħżin u l-immaniġġjar ta' likwid u gassijiet bl-ingrossa, bħal sustanzi kimiċi, fertillizzanti, bifojuwils, u fjuwils.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (²) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spesifikata:

M.11524 — I SQUARED CAPITAL / RUBIS TERMINAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---